2026/1954

21.8.2026

Ftehim fil-forma ta' skambju ta' ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan, skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994, relatat mal-modifika ta' konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji kollha inklużi fl-iskeda CLXXV tal-UE bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea

A. Ittra mill-Unjoni Ewropea

Sinjur/Sinjura,

Għandi l-unur nirreferi għan-negozjati li saru skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji inklużi fl-Iskeda tat-Tariffi CLXXV tal-Unjoni Ewropea bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea ("UE") kif ikkomunikat lill-Membri tad-WTO fid-dokument G/SECRET/42/Add.2, il-Pakistan u l-UE jaqblu li jikkonkludu l-konsultazzjonijiet fuq il-bażi li ġejja:

Il-Pakistan jaqbel mal-prinċipju u l-metodoloġija tat-tqassim tal-impenji kwantitattivi skedati fil-forma tal-kwoti tariffarji tal-UE li inkludew lir-Renju Unit, li permezz tiegħu mit-tqassim tal-kwantità jittieħed porzjon mill-UE li ma jinkludix aktar lir-Renju Unit u l-bqija tal-kwantità tittieħed mir-Renju Unit.

L-UE tirrikonoxxi li l-Pakistan qed ikollu konsultazzjonijiet separati mar-Renju Unit dwar il-bqija tal-kwantità tal-kwoti tariffarji meħuda mir-Renju Unit mill-kwoti tariffarji oriġinarji tal-UE.

Fir-rigward tal-kwoti tariffarji fejn il-Pakistan għandu drittijiet ta' konsultazzjoni taħt l-Artikolu XXVIII tal-GATT, il-Pakistan jesprimi li jaqbel u li huwa sodisfatt bit-tqassim propost kif stabbilit fid-dokument G/SECRET/42/Add.2 u l-impenji kwantitattivi riżultanti meħuda mill-UE wara l-ħruġ tar-Renju Unit.

Dan il-Ftehim huwa mingħajr preġudizzju għan-negozjati bejn l-UE u Membri oħra tad-WTO bi drittijiet taħt l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 fir-rigward tal-kwoti tariffarji kkonċernati. L-UE timpenja ruħha li tikkonsulta mal-Pakistan f'każ li r-riżultat ta' dawk in-negozjati kellu jibdel l-ishma stabbiliti fid-dokument G/SECRET/42/Add.2.

L-UE tirrikonoxxi li l-Pakistan għandu Drittijiet ta' Negozjar Inizjali (INRs, *Initial Negotiating Rights*) fir-rigward tal-linja tariffarja 10062000 (Ross Imfesdaq Ismar), kif rikonoxxut mill-UE fid-dokument tad-WTO G/SECRET/18/Add.3 datat id-19 ta' Ġunju 2013.

L-UE u l-Pakistan għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-aħħar notifika.


Inkun obbligat lejk jekk tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dan t'hawn fuq.

Għandi l-unur nipproponi li, jekk dan ta' hawn fuq huwa aċċettabbli għall-Gvern tiegħek, din l-ittra u l-konferma tiegħek flimkien jikkostitwixxu Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan, inkluż għall-finijiet tal-Artikolu XXVIII:3(a) u (b) tal-GATT tal-1994.

Nassigurak, Sinjur/Sinjura, mill-ikbar stima li għandi lejk.

Съставено в Брюксел на трети февруари две хиляди двадесет и шеста година.
Hecho en Bruselas, el tres de febrero de dos mil veintiséis.
V Bruselu dne třetího února dva tisíce dvacet šest.
Udfærdiget i Bruxelles den tredje februar to tusind og seksogtyve.
Geschehen zu Brüssel am dritten Februar zweitausendsechsundzwanzig.
Kahe tuhande kahekümne kuuenda aasta veebruarikuu kolmandal päeval Brüsselis.
Έγινε στις Βρυξέλλες, στις τρεις Φεβρουαρίου δύο χιλιάδες είκοσι έξι.
Done at Brussels on the third day of February in the year two thousand and twenty six.
Fait à Bruxelles, le trois février deux mille vingt-six.
Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an tríú lá de Feabhra sa bhliain dhá mhíle fiche a sé.
Sastavljeno u Bruxellesu trećeg veljače godine dvije tisuće dvadeset šeste.
Fatto a Bruxelles, addì tre febbraio duemilaventisei.
Briselē, divi tūkstoši divdesmit sestā gada trešajā februārī.
Priimta du tūkstančiai dvidešimt šeštų metų vasario trečią dieną Briuselyje.
Kelt Brüsszelben, a kétezerhuszonhatodik év február havának harmadik napján.
Magħmul fi Brussell, fit-tielet jum ta' Frar fis-sena elfejn u sitta u għoxrin.
Gedaan te Brussel, drie februari tweeduizend zesentwintig.
Sporządzono w Brukseli dnia trzeciego lutego roku dwa tysiące dwudziestego szóstego.
Feito em Bruxelas, em três de fevereiro de dois mil e vinte e seis.
Întocmit la Bruxelles la trei februarie două mii douăzeci și șase.
V Bruseli tretieho februára dvetisícdvadsaťšesť.
V Bruslju, tretjega februarja dva tisoč šestindvajset.
Tehty Brysselissä kolmantena päivänä helmikuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäkuusi.
Som skedde i Bryssel den tredje februari år tjugohundratjugosex.

За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Thar ceann an Aontais Eorpaigh
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen



B. Ittra mill-Pakistan

Sinjur/Sinjura,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek bid-data tal-lum, li tgħid hekk:

> "Għandi l-unur nirreferi għan-negozjati li saru skont l-Artikolu XXVIII tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ (GATT) tal-1994 fir-rigward tal-modifika ta' konċessjonijiet fuq il-kwoti tariffarji inklużi fl-Iskeda tat-Tariffi CLXXV tal-Unjoni Ewropea bħala konsegwenza tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea ('UE') kif ikkomunikat lill-Membri tad-WTO fid-dokument G/SECRET/42/Add.2, il-Pakistan u l-UE jaqblu li jikkonkludu l-konsultazzjonijiet fuq il-bażi li ġejja:
>
> Il-Pakistan jaqbel mal-prinċipju u l-metodoloġija tat-tqassim tal-impenji kwantitattivi skedati fil-forma tal-kwoti tariffarji tal-UE li inkludew lir-Renju Unit, li permezz tiegħu mit-tqassim tal-kwantità jittieħed porzjon mill-UE li ma jinkludix aktar lir-Renju Unit u l-bqija tal-kwantità tittieħed mir-Renju Unit.
>
> L-UE tirrikonoxxi li l-Pakistan qed ikollu konsultazzjonijiet separati mar-Renju Unit dwar il-bqija tal-kwantità tal-kwoti tariffarji meħuda mir-Renju Unit mill-kwoti tariffarji oriġinarji tal-UE.
>
> Fir-rigward tal-kwoti tariffarji fejn il-Pakistan għandu drittijiet ta' konsultazzjoni taħt l-Artikolu XXVIII tal-GATT, il-Pakistan jesprimi li jaqbel u li huwa sodisfatt bit-tqassim propost kif stabbilit fid-dokument G/SECRET/42/Add.2 u l-impenji kwantitattivi riżultanti meħuda mill-UE wara l-ħruġ tar-Renju Unit.
>
> Dan il-Ftehim huwa mingħajr preġudizzju għan-negozjati bejn l-UE u Membri oħra tad-WTO bi drittijiet taħt l-Artikolu XXVIII tal-GATT tal-1994 fir-rigward tal-kwoti tariffarji kkonċernati. L-UE timpenja ruħha li tikkonsulta mal-Pakistan f'każ li r-riżultat ta' dawk in-negozjati kellu jibdel l-ishma stabbiliti fid-dokument G/SECRET/42/Add.2.
>
> L-UE tirrikonoxxi li l-Pakistan għandu Drittijiet ta' Negozjar Inizjali (INRs, *Initial Negotiating Rights*) fir-rigward tal-linja tariffarja 10062000 (Ross Imfesdaq Ismar), kif rikonoxxut mill-UE fid-dokument tad-WTO G/SECRET/18/Add.3 datat id-19 ta' Ġunju 2013.
>
> L-UE u l-Pakistan għandhom jinnotifikaw lil xulxin dwar it-tlestija tal-proċeduri interni tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-aħħar notifika.
>
> Inkun obbligat lejk jekk tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dan t'hawn fuq.
>
> Għandi l-unur nipproponi li, jekk dan ta' hawn fuq huwa aċċettabbli għall-Gvern tiegħek, din l-ittra u l-konferma tiegħek flimkien jikkostitwixxu Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan, inkluż għall-finijiet tal-Artikolu XXVIII:3(a) u (b) tal-GATT tal-1994."

B'dan għandi l-unur nesprimi l-qbil tal-Gvern tiegħi mal-ittra t'hawn fuq.

Done at Brussels on the third day of February in the year two thousand and twenty six.
Съставено в Брюксел на трети февруари две хиляди двадесет и шеста година.
Hecho en Bruselas, el tres de febrero de dos mil veintiséis.
V Bruselu dne třetího února dva tisíce dvacet šest.
Udfærdiget i Bruxelles den tredje februar to tusind og seksogtyve.
Geschehen zu Brüssel am dritten Februar zweitausendsechsundzwanzig.
Kahe tuhande kahekümne kuuenda aasta veebruarikuu kolmandal päeval Brüsselis.
Έγινε στις Βρυξέλλες, στις τρεις Φεβρουαρίου δύο χιλιάδες είκοσι έξι.
Fait à Bruxelles, le trois février deux mille vingt-six.
Arna dhéanamh sa Bhruiséil, an tríú lá de Feabhra sa bhliain dhá mhíle fiche a sé.
Sastavljeno u Bruxellesu trećeg veljače godine dvije tisuće dvadeset šeste.
Fatto a Bruxelles, addì tre febbraio duemilaventisei.
Briselē, divi tūkstoši divdesmit sestā gada trešajā februārī.
Priimta du tūkstančiai dvidešimt šeštų metų vasario trečią dieną Briuselyje.
Kelt Brüsszelben, a kétezerhuszonhatodik év február havának harmadik napján.
Magħmul fi Brussell, fit-tielet jum ta' Frar fis-sena elfejn u sitta u għoxrin.
Gedaan te Brussel, drie februari tweeduizend zesentwintig.
Sporządzono w Brukseli dnia trzeciego lutego roku dwa tysiące dwudziestego szóstego.
Feito em Bruxelas, em três de fevereiro de dois mil e vinte e seis.
Întocmit la Bruxelles la trei februarie două mii douăzeci și șase.
V Bruseli tretieho februára dvetisícdvadsaťšesť.
V Bruslju, tretjega februarja dva tisoč šestindvajset.
Tehty Brysselissä kolmantena päivänä helmikuuta vuonna kaksituhattakaksikymmentäkuusi.
Som skedde i Bryssel den tredje februari år tjugohundratjugosex.

For the Islamic Republic of Pakistan
За Ислямска република Пакистан
Por la República Islámica de Pakistán
Za Pákistánskou islámskou republiku
For Den Islamiske Republik Pakistan
Für die Islamische Republik Pakistan
Pakistani Islamivabariigi nimel
Για την Ισλαμική Δημοκρατία του Πακιστάν
Pour la République islamique du Pakistan
Thar ceann Phoblacht Ioslamach na Pacastáine
Za Islamsku Republiku Pakistan
Per la Repubblica islamica del Pakistan
Pakistānas Islāma Republikas vārdā –
Pakistano Islamo Respublikos vardu
A Pakisztáni Iszlám Köztársaság részéről
Għar-Repubblika Iżlamika tal-Pakistan
Voor de Islamitische Republiek Pakistan
W imieniu Islamskiej Republiki Pakistanu
Pela República Islâmica do Paquistão
Pentru Republica Islamică Pakistan
Za Pakistanskú islamskú republiku
Za Islamsko republiko Pakistan
Pakistanin islamilaisen tasavallan puolesta
För Islamiska republiken Pakistan